# Il-Ħamrun



## ... mhux Marċi Biss

*minn Sergio Grech*

**Hu interessanti kif tradizzjonalment ħafna waqfu jħarsu lejn il-Ħamrun bħala sempliċiment il-belt li tispeċjalizza fil-logħob tal-ballun u l-festa ta' San Gejtanu.**

Imma wieħed ma jridx jinsa li l-Ħamrun kien ċentru vibranti kulturalment fil-passat riċenti. Fil-Ħamrun kien hemm tradizzjoni twila ta' teatrin kif wera dan l-aħħar Mario Azzopardi fil-ktieb li jġib l-isem *It-Teatrin*. Fil-Ħamrun kellek ukoll entużjażmu kbir għaċ-ċinema u l-mużika operestika fejn mhux darba u tnejn l-impresarji ġabu artisti ta' fama minn barra.

Xi ħaġa li tolqotni hi li erba' poeti kontemporanji li taw is-sehem tagħhom biex iġeddu l-moviment tal-poeżija Maltija u d-drama kienu mill-Ħamrun. Qed naħseb f'**Mario Azzopardi, Victor Fenech, Alfred Degabriele** u **Oreste Calleja**.

Sadanittant, każin minnhom tal-banda kellu wkoll il-preżenza kontinwa ta' żewġ poeti importanti fil-qafas tal-poeżija romantika: Anton Buttigieg - li kien mill-Qala Għawdex - u l-Marsi Dun Frans Camilleri li ħafna ħabbewh għall-qalb tajba tiegħu.

Dan l-artiklu se jipprova jevalwa l-kontribut li taw dawn l-awturi li bosta minna missejna minnhom matul l-esperjenza skolastika tagħna. Bejniethom dawn il-kittieba hemm il-fil tat-tiġdid; il-bżonn li l-kontinwita tkun rispettata imma mibdula anki jekk bi skemi għal kollox radikali u kontroversjali.



## Il-Poeta tal-Vrus Mqallba

Mario Azzopardi imwieled il-Ħamrun f'Settembru tal-1944, kien wieħed mill-fundaturi ewlenin tal-Moviment Qawmien Letterarju. Il-Moviment twieled fl-1967 bl-iskop deċeżiv li jaqta' linja mill-passat. Klikka ta' awturi li kienet tinkludi lil Victor Fenech, Charles Flores, Achille Mizzi u Albert Marshall fost l-oħrajn imbarkaw fuq proġett ambizzjuż fejn riedu li l-letteratura tieħu ċ-ċentralità u mhux iktar il-periferija.

Azzopardi kiteb poeżija li attakkat il-metrika tradizzjonali u fetqet l-ipokrezija. Kienet poeżija li ma niżlitx lil kulħadd u kien hemm min kien xettiku lejha u min laqqamha tat-tikek.

Azzopardi kiteb poeżija u proża politika li ma tafx kompromess. Kontinwament huwa żewweġ flimkien dawn iż-żewġ ġeneri. Fil-ħidma tiegħu emmen ukoll fil-palk u dan l-aħħar qed jikteb ukoll testi għall-adolexxenti.

Riċentament stqarr fuq l-Education 22, li personalment hu sfiduċja l-poeżija għax din ma tinteressa lil ħadd u sostna li l-awturi llum daħlu f'ċenaklu fejn qed jiktbu għalihom biss.







li l-kittieb ma għandux jibqa' lura mill-arena politika u għandu jesprimi fehmtu fuq temi nazzjonali. Diversi drabi xela lill-awturi sħabu u lill-intelletwali universitarji b'silenzju li jwerwrek.

Fost l-iktar tappi importanti fil-karriera ta'Azzopardi kien hemm il-kotba *Passiflora, Tabernakli, Noti mis-Sanatorju tal-Mistiċi, Alicia titkellem mill-imwiet*, u *Vampir*. Il-ktieb *Vampir*, dan l-aħħar, kien ukoll f'polemika wara li sofra ċensura fil-konfront tiegħu.



## Il-Poeta tal-Poeproża

Victor Fenech twieled il-Ħamrun fil-11 ta' Ottubru 1935. Studja l-Liċeo, il-Kulleġġ ta' St.Michael (1953-54), u l-Università ta' Malta (1960-64) fejn iggradwa *cum laude* fl-Ingliż, il-Malti u l-Istorja.

Huwa esperimenta ħafna bil-poe-proża u ħafna jqisuh bħala l-kittieb ewlieni ta' dan il-ġeneru. Flimkien ma' Anton Buttigieg, huwa welled il-ġeneru tal-ħajku. Dawn l-aħħar ġimgħat rajna t-twelid ta' antoloġija li qed tfakkar l-erbgħin sena tal-ħajku Malti.

Tema konsistenti f'Fenech hija l-protesta lejn il-qerda tal-ambjent u l-isfiduċja fil-politiċi. Riċentament rajna wkoll l-impenn ta' Fenech fil-ġeneru tat-tfal u ż-żgħażagħ għalkemm biex inkunu ġusti mal-istorja letterarja lokali hu ta sehmu fil-kompilazzjoni ta' *Id-Denfil* u fis-sebgħinijiet u tmeninijiet kien għamel ħafna xogħol mal-Kotba Merill.







Fil-Kullana Kulturali kiteb dwar l-istorja tal-ktieb Malti. Fenech jagħti sehmu fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Fuq l-aġenda tiegħu, kien hemm dejjem impenn favur l-awtur Malti li mhux dejjem ikun offrut pakkett tajjeb biex jippubblika xogħlu.

Fost il-kotba l-iktar importanti tiegħu ta' min isemmi *Sajonara, Sangraal* u *L-Aħħar Rimi*. Għal numru ta' snin Fenech, ħa ħsieb il-produzzjoni tar-rivista *Sagħtar*.

# Il-Poeta tal-ħsieb



Poeta ieħor li forsi ma tantx ippubblika xogħol letterarju u allura aktarx mhux apprezzat bizzejjed u daqs kemm ħaqqu huwa Alfred Degabriele li twieled il-Ħamrun nhar is-27 ta' Novembru, 1940. Fl-1981, huwa ppubblika l-ġabra *Ma' Mewġet il-Ħsieb* li fiha ġabar poeżiji li kiteb bejn l-1950 u l-1980. Il-ġabra b'kollox fiha mitt poeżija.




poeżiji ta' Patri Anastasju Cuschieri. Kien ukoll wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju. Għall-awtur, il-poeżija hija 'pass fil-mixja ta' ħajti.' Bosta drabi kien eżaminatur fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.



# Id-Drammaturgu tal-Iskumdità

Oreste Calleja, li twieled il-Ħamrun fl-1946, mil-lat l-ieħor ipprovda drammi alternattivi u differenti minn dawk li s-soċjetà Maltija kienet drat tara fit-teatri u fuq it-televiżjoni. Għalkemm hu minnu wkoll li diġà kienu dehru drammaturgi bħal Ġużè Diacono u Francis Ebejer li ma qagħdux lura milli jġeddu l-istil teatrali anki jekk bosta drabi ftit kienu qed jifmuhom u jsegwuhom.

Il-korp tal-kitba ta' Calleja jinkludi *U l-Anġlu Ħabbar, Anesteżija, Għasfur taċ-Ċomb, Pawlu Redux* u *Il-Festa bil-Bandieri* li għalija huwa l-iktar dramm li laqatni. Id-dramm kien rebaħ ukoll l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u kien sar dan il-kumment min-naħa tat-Teatru Manoel dwaru: " 'Il-Festa bil-Bandieri' ta' Calleja hija kummiedja li fiha il-preżent, l-imgħoddi u xi ftit ukoll il-ġejjieni jidhru f'xulxin b'mod li hu teatrikament effettiv.







Calleja jikkummenta bla ma jippriedka fuq l-ambjent soċjali u politiku ta' Malta, u fuq l-effetti fuq is-soċjetà tal-emigranti li jiġu lura f'pajjiżhom; f'għadd ta' xeni joħloq effetti liriċi li jkomplu jbiegħdu lix-xogħol mir-realiżmu li spiss tant ixekkel lill-palk. Din hi kummiedja sensittiva li tuża tajjeb l-ilsien ħaj tal-palk."

**Appell**

Dan l-artiklu nkiteb biex iħeġġeġ lill-qarrejja jiskopru l-ġmiel u l-varjetà tal-letteratura tagħna. Il-letteratura llum għamlet passi kbar u bla dubju x-xewqa ta' bosta awturi hija li jkunu moqrija.